# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

Vs

Emanuel Abela

Illum 30 ta’ Jannar, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Emanuel Abela ta’ 44 sena bin Lawrence u Emanuela nee Demarco imwieled Hal-Tarxien fit- 22 ta’ Jannar 1969 u joqghod Blokk 4, Flat 6, Triq Hal-Luqa, Hal-Tarxien detentur tal-ID Card 84769(M) u

1. Nakkuzah talli fil-11 ta` Lulju, 2013 ghal habta ta` 8pm u/jew hinijiet wara gewwa Blokk B Flat 1 Tiq Marija Adolorata Rahal Gdid u/jew f`dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f`periklu car, ikkaguna lil Jason Azzopardi minn Rahal Gdid debbullizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti

f`parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh skond ma ccertifikaw it-tobba Dr. Christine Zammit Reg3241 u Dr. Christina Mintoff Reg3413 mill-Isptar Mater Dei u ic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f`periklu car, ikkaguna lil Jason Azzopardi minn Rahal Gdid ferita ta` natura gravi li setghat gabet periklu tal-hajja jew debbullizza permanenti fis-sahha jew jew fil-funzjoni ta xi parti tal-gisem, liema ferita gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f`wahda mill-idejn tal-offiz u/jew liema ferita ddum ghal tletin gurnata fuq il-persuna ta` Jason skond ma ccertifikaw it-tobba Dr. Christine Zammit Reg3241 u Dr. Christina Mintoff Reg3413 mill-Isptar Mater Dei u ic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid.

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u ghamel hsara fuq ghamara appliances u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta` Jason Azzopardi minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra , liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47Euros.

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b`xi mod iehor mhux imsemmi band`ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. S. Demicoli LL.D. fis-17 ta` Jannar, 2011.

U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta ta` Jason Azzopardi minn Rahal Gdid u tapplika l-provvedimenti ta` Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fit-30 ta' Jannar, 2024 l-Ispettur ezebixa Dok PC Certifikat tal-mewt ta' Emanuel Abela.

**Decide**

Il-proceduri qed jigu dikjarati ezawriti bil-mewt ta' Emanuel Abela.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**